MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru. 1436/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Jason Bilocca**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Bilocca detentur tal-karta tal-identita` numru 9683(M).

Akkuzat talli fil-15 ta' Lulju 2010, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. Ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew wieghed; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

2. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wiehed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal xi haddiehor;

B'hekk l-imputat sar recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:

i. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u
ii. tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1) u 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-ewwel akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief dik tar-recediva u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekussjoni, u li l-Qorti hija sodisfatta li ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Jason Bilocca hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih hlief l-addebitu tar-recediva, li bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------